

- 2) Il-kawża hija rrinvjata lil Awla tal-Qorti Ġenerali li ma tkunx dik li ddeċidiet dwar dan l-appell.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

⁽¹⁾ ĠU C 98, 14.3.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2017 – Labeyrie vs EUIPO – Delpeyrat (Rappreżentazzjoni ta' sensiela ta' ħut aħmar fuq sfond ikħal)

(Kawża T-766/15) ⁽¹⁾

(Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' revoka — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta sensiela ta' ħut aħmar fuq sfond ikħal — Dikjarazzjoni ta' revoka — Użu ġenwin tat-trade mark — Artikolu 15(1)(a) u l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Forma li hija differenti f'elementi li ma jibdlux il-karattru distintiv)

(2017/C 121/40)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Labeyrie (Saint-Geours-de-Maremne, Franza) (rappreżentant: A. Lecomte, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Delpeyrat (Saint-Pierre-du-Mont, Franza) (rappreżentant: J. Ennochi, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Ottubru 2015 (Każ R 2693/2014-1), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Delpeyrat u Labeyrie.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Labeyrie hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-EUIPO.
- 3) Delpeyrat għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 78, 29.2.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2017 – Labeyrie vs EUIPO – Delpeyrat (Rappreżentazzjoni ta' xitla ta' ħut ċar fuq sfond skur)

(Kawża T-767/15) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedura ta' revoka — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tirrappreżenta xitla ta' ħut ċar fuq sfond skur — Dikjarazzjoni ta' revoka — Użu ġenwin tat-trade mark — Artikolu 15(1)(a) u Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Forma li hija differenti permezz ta' elementi li ma jbidlax in-natura distintiva”]

(2017/C 121/41)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Labeyrie (Saint-Geours-de-Maremne, Franza) (rappreżentant: A. Lecomte, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Folliard Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Delpeyrat (Saint-Pierre-du-Mont, Franza) (rappreżentant: J. Ennochi, avukat)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Ottubru 2015 (Każ R 2694/2014-1), dwar proċedura ta' revoka bejn Delpeyrat u Labeyrie.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Labeyrie hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-EUIPO.
- 3) Delpeyrat għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 78, 29.2.2016

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2017 – Helbrecht vs EUIPO – Lenci Calzature (SportEyes)

(Kawża T-333/14) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Annullament tat-trade mark figurattiva preċedenti li sservi ta' bażi għad-deċiżjoni kkontestata — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2017/C 121/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Andreas Helbrecht (Hilden, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. König, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Rajh, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Lenci Calzature SpA (Turchetto-Montecarlo, l-Italja) (rappreżentanti: F. Celluprica u F. Fischetti, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tas-27 ta' Frar 2014 (Każ R 830/2013-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Lenci Calzature u A. Helbrecht.

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- 2) Lenci Calzature SpA għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Andreas Helbrecht. L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandu jbat i-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 235, 21.7.2014.